MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Rikors Numru. 1011/1997/1

Martin Spiteri
vs
Chairman, Bank of Valletta Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' Awissu 1987; Mejju 1988 u Gunju 1990 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni mill-grad ta' Supervisor II ghall-grad ta' Assistant Manager u ghall-grad ta' Manager I, liema promozzjonijet kien jikkwalifika ghalihom.
Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi r-rikorrent kien gie impjegat mal-Bank of Valletta Limited fil-21 ta' Ottubru 1974 u dan bhala Clerk 1.

Illi r-rikorrent kemm kien ilu jahdem mal-BOV dejjem qeda d-dmirijiet bl-akbar reqqa minn dak iz-zmien sal-lum, kif jixhdu bl-aktar mod lampanti, ir-rapporti li saru dwar il-hidma tieghu ta' kull sena.

Illi b'effett mill-ewwel ta' Awissu 1987, u b'mod preciz bic-cirkulari li ggib ir-referenza Staff 39/87 datata 20 ta' Lulju 1987, kienu nhatru diversi persuni mill-grad ta' Supervisor II ghall-grad ta' Assistant Manager, uhud minn liema persuni kienu kwalifikati daqs ir-rikorrent jew anqas minnu, kellhom esperjenza u servizz ukoll daqs ir-rikorrent jew anqas minnu.

Illi b'effett mill-ewwel ta' Mejju 1988, u b'mod aktar preciz bic-cirkulari li ggib ir-referenza Personnel 20/88 datata 10 ta' Mejju 1988, kienu nhatru diversi persuni mill-grad ta' Assistant Manager ghall-grad ta' Manager I, uhud minn liema persuni kienu anqas kwalifikati mir-rikorrent, kellhom anqas esperjenza, u kellhom ukoll anqas servizz minnu.

Illi b'effett mill-1 ta' Gunju 1990, u b'mod aktar preciz bic-cirkulari li ggib ir-referenza Personnel 24/90 datata 8 ta' Mejju 1990, kienu nhatru diversi persuni mill-grad ta' Manager I ghall-grad ta' Manager II, uhud minn liema persuni kienu dahlu jahdmu mal-Bank fl-istess data bhal tar-rikorrent u nhatru Manager II, meta r-rikorrent kien ghadu l-anqas inghata l-grad ta' Manager I. F'din ic-cirkulari kienu nhatru wkoll diversi persuni mill-grad ta' Assistant Manager ghall-grad ta' Manager I, li dawn bhal kazi ta' qabel ukoll kienu anqas kwalifikati mir-rikorrent, kellhom anqas esperjenza fil-grad ta' Assistant Manager, u kellhom ukoll anqas servizz minnu.

Illi r-rikorrent kien gie b'hekk diskriminat minghajr ebda bazi, u anke esplicitament kontra l-kriterji specifikati fil-ftehim kollettiv dak iz-zmien vigenti; u l-kaz tieghu kien gie anke mqajjem mill-Union tieghu, il-GWU, mal-management ta' l-istess Bank.

Illi ghaldaqstant, ir-rikorrent emmen li gie mcahhad minn dawn il-promozzjonijiet dovuti lilu ghall-ebda raguni valida,

u b'mod l-aktar ingust u diskriminatorju, u li minhabba f'hekk bata danni finanzjarji konsiderevoli; u ghalkemm illum lahaq dan il-grad ta' Manager I, il-possibilitajiet li huwa javvanza fil-karriera tieghu baqghu jigu mizmuma lura ingustament u b'mod l-aktar diskriminatorju u abbuziv.

Illi r-rikorrent ghandu esperjenza vasta fix-xoghol kollu bankarju, ghax huwa hadem f'diversi branches tal-Bank. Illi ghalkemm kien hemm perjodu fejn ir-rikorrent kien jinghata anke s-"substitution" Manager's Allowance, meta l-Management tal-Bank kien jigi biex jaghmel l-ezercizzju tal-promozzjonijiet, kien jinsa l-kapacitajiet u esperjenza tar-rikorrent.
Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni misthoqqa bid-data b'lura sa mill-1987, bhal ma nghata haddiehor, bil-beneficcji kollha b'lura li tali promozzjoni kienet igorr maghha, u minghajr ma tigi mtellef kwalunkwe dritt spettanti lilu fir-rigward ta' promozzjonijiet u beneficcji ohra, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

It-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi mhux minnu li r-rikorrent gie maqbuz kif minnu allegat.

Illi inoltre, ghandu jissostanza l-allegazzjonijiet tieghu li permezz taghhom jindika li gew promossi xi persuni li ma

kienux jissodisfaw il-kriterji vigenti fl-ghoti tal-promozzjonijiet indikati.
Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-<u>rikorrent</u> ipprezenta affidavit u semma li ilu impjegat mal-Bank of Valletta mill-21 ta' Ottubru 1974 u dejjem kien fidil u leali lejn il-Bank nonostante l-fatt li gie maqbuz kemm-il darba f'ezercizzji ta' promozzjonijiet minghajr ebda gustifikazzjoni kif ukoll gew ippreferuti nies li kellhom inqas seniority minnu jew anki kienu inqas kwalifikati minnu.

Semma li fl-1987 kien Assistant Manager u fl-1988 kienu hargu l-promozzjonijiet. Hu qal li kien gie maqbuz minn Aaron Tanti, Anthony Azzopardi, Charles Alamango, Tony Borg u Charles Massa u dawn kienu dahlu fl-istess gurnata li kien dahal hu. Semma li dawn ma kellhomx kwalifiki aktar minnu u whud minnhom kienu lahqu Manager II b'effett mill-1 ta' Gunju 1990. Ipprezenta hames dokumenti u wiehed minnhom hija lista bi hmistax-il persuna li kienu gew promossi ghal Manager I u dawn kienu dahlu mieghu wkoll u l-maggoranza taghhom ma kellhomx kwalifiki aktar minnu.
Qal li hu ha l-promozzjoni fl-1993 b'effett mill-1992 u kien hemm nies li haduha wkoll u li dahlu l-Bank warajh. Semma li f'Gunju 1995 lahquh nies li dahlu l-Bank fl-1976 u qal ukoll li hafna minn nies li dahlu mieghu u qabzuh lahqu l-grad ta' Senior Manager. Qal li hu ghadu fl-istess grad ta' Manager I.

Semma li hu mhux qed jilmenta ghall-promozzjoni tal-1987 u dan ghax kien diga` fil-grad ta' Assistant Manager. Qal li l-ewwel promozzjoni li lmenta minnha kienet dik ta'

Mejju 1988. Qal li mill-1988 sal-1990 kien hemm process biex il-grad ta' Assistant Manager jigi phased out biex dawk li jkollhom dak il-grad jinhatru ghal Manager I. 60% kienu ntghazlu minn Assistant Manager grade u 40% mill-grad ta' Supervisor II. Ir-rikorrent semma li peress li ma kienx ha l-promozzjoni fl-1988 kien ippretenda li jintghazel fl-1990.

Ilmenta wkoll li fil-promotion exercise tal-1990 kien hemm diga` min qabzu fil-promotion exercise tal-1988 u fosthom semma lil Joe Grech u Joe Mugliett li dahlu mieghu, Edwin Buhagiar, Anthony Camilleri, Ray Busuttil, Alfred Pace u Ray Azzopardi li dahlu warajh. Bhala kwalifiki qal li l-ebda wiehed ma kien kwalifikat aktar minnu dak iz-zmien. Dwar il-kriterji tal-promotion exercise tal-1990 qal li l-Bank kien jiehu in konsiderazzjoni merit, aptitude, kwalifiki, esperjenza u seniority izda ma kellux idea dwar il-weightings li nghataw lil dawk il-kriterji. Ir-rikorrent semma li hu lmenta ghax ma kienx gie promoss peress li hu kellu esperjenza, kwalifiki, u fejn kien hemm xi nuqqas f'xi branch dejjem kienu jippustjawh f'dak il-branch u hu hass li dejjem issodisfa r-rekwiziti tal-Bank. Qal li hu dejjem kellu rapporti tajbin u sodisfacenti mal-Bank.

Xehed <u>Albert Pace</u> Branch Manager fil-branch taz-Zejtun fejn kien responsabbli wkoll mill-agenziji ta' Bir id-Deheb u Marsaxlokk. Semma li lir-rikorrent jafu mindu dahlu l-bank madwar 27 sena ilu. Qal li xi sitt snin ilu fil-fergha ta' Bir id-Deheb l-assistent tieghu kien gie trasferit u kien intbaghat ir-rikorrent jahdem mieghu. Semma li kien ta' sodisfazzjoni kbir ghalih jahdem mar-rikorrent ghax kien bniedem responsabbli. Qal ukoll li f' assenza tieghu r-rikorrent kien jiehu hsieb, jiehu over u l-fergha tal-bank dejjem tmexxiet sew. Qatt ma kien hemm complaints la mill-klijenti u l-anqas mill-istaff u qal li damu xi sentejn jahdmu flimkien. Ghalkemm qabel li fil-bank hemm hafna nies ta' kwalita` tajba, ma qabilx li meta jkun hemm promotion exercise fir-rigward ta' seniority u responsabbilta` gieli jkun hemm nies li jaqbzu fil-promozzjoni.

Xehed <u>Charles Cassar</u> fejn semma li ghamel perjodu Segretarju tat-Taqsima STPSA tal-GWU mill-1985 sa l-1997. Ftakar li ghall-habta ta' l-1988 kienu saru numru ta' promotions minn Assistant Manager ghal Man 1 u fost l-ilmenti li tressqu, kien hemm tar-rikorrent. Meta ghamlu l-analizi u l-ezami fir-rigward ta' min ha l-promozzjoni qal li fil-kriterji skond il-ftehim kollettiv, it-total tar-rikorrent kien jizboq lil xi uhud minn dawk li hadu l-promozzjoni. Qal li kienu ressqu l-ilment lill-Bank u eventwalment kienu saru xi azzjonijiet industrijali.

Semma li fl-1990 kien rega' sar promotion exercise iehor u r-rikorrent kien ilmenta li nqabez. Huma ghamlu l-istess ezercizzju u sabu li l-ilment kien gustifikat izda meta rreferewh lill-Bank ma kienx hemm ezitu pozittiv. Qal li fl-1990 mill-ilmenti li kienu ressqu fl-1988 il-Bank kien tahom xi promozzjonijiet lil xi whud minnhom izda l-union qiesuha bhala preperation izda fil-kaz tar-rikorrent dan ma kienx sar. Semma li mill-1990 il-Bank addotta sistema ta' interviews u dan biex ikun hemm xi haga li wiehed jista' jkejjel fuqha.

Mistoqsi jekk il-union kienux jippretendu li persuna mal-bank jigi promoss kull promotion exercise li jkun hemm qal li meta jaghmlu l-promotion exercise huma jqisu dejjem in comparision mal-persuni ohra li kienu hadu l-promozzjoni fil-promotion exercise u jqisu l-kriterji bhal seniority ecc. Ikkonferma li bi ftehim mal-Bank u l-Union fil-ftehim kollettiv ta' l-1988 kien hemm imnizzel illi l-grad ta' Assistant Manager kien se jigi phased out u kienu se jinhatru ftit ftit permezz ta' sejhiet ghall-promozzjonijiet ghal Manager 1 b'persentagg minimu ta' 60% minn Assistant Manager u ta' 40% minn Supervisor 2.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Joseph V. Gatt</u> li fih semma li jokkupa l-kariga ta' General Manager (Strategy) fil-Bank of Valletta p.l.c. u parti mir-responsabbilitajiet li jaqghu tahtu huma r-Rizorsi Umani tal-Bank kollu. Spjega li ezercizzju ta' promozzjonijiet ghall-grad partikolari jigi stigat principalment ghaliex u meta tinhass il-htiega li jimtlew postijiet vakanti f'dak il-grad. Dawn il-postijiet vakanti gew ikkrejati normalment minhabba jew ghaliex ikunu rtiraw

jew irrizenja xi ufficjali f'xi grad jew gradi u allura jkunu jridu jimtlew il-postijiet vakanti li jkun hallew jew minhabba l-espansjoni tal-operazzjonijiet tal-Bank. Qal li minn Mejju 1987 ‘l hawn il-Bank zied madwar 500 impjegat fil-gradi white collar. Meta jkunu se jimtlew numru ta’ vakanzi jitwaqqaf promotions board. Dan il-Bord ikollu l-inkarigu li jwettaq l-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem u wara li jkun lestieh iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank sabiex dan il-Kumitat japprova n-numru ta’ promozzjonijiet mehtiega skond il-gradwatorja (order of merit) pprezentata lilu mill-Promotions Board. Il-Promotions Boards generalment ikunu komposti minn ufficjali gholja tal-bank, li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u jew Senior Managers. Normalment aktar ma’ l-ezercizzju jkun ghall-promozzjonijiet ghall-gradi gholja aktar il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja. Zied ighid li ma tesizti l-ebda regola miktuba dwar kif ghandhom ikunu komposti il-Promotions Boards. Il-Bank, imma, generalment dejjem mexa fuq dan il-principju.

Kull Promotions Board huwa marbut illi jevalwa u jassessja l-kandidati li jkunu eligibbli ghal dak l-esercizzju partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv. Il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv tghid: ***“When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order”*** u dan ghal ragunijiet ovvji ghax per ezempju Experience u Merit f’kaz ta’ ezercizzju ta’ promozzjonijiet ghal gradi gholjin bhal dawk ta’ Senior Manager u aktar ‘l fuq, il-weighting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghall-Qualifications. Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata weighting aktar gholi f’ ezercizzju ta’ promozzjonijiet ghal gradi t’isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F’kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-board separatament jifli l-personal files ta’ kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji. Il-marki ghall-Merit, Aptitude u

Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jista' jkollu fuq il-kandidat. Dawk ghall-qualifications u Seniority ikunu diga gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m'hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m'huwiex marbut il-Bank jista' jiddeciedi li f'xi ezercizzji partikolari ta' promozzjonijiet jaghmel ukoll Interview. Generalment dawn ikunu f'kazi ta' promozzjonijiet ghall-gradi t'isfel. L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta' promozzjonijiet ghall-gradi gholjin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment il-membri tal-Board ikunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista' jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta' kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll il-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta lil kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta' dawk li jigu promossi f'kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali ta' kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f'kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta' impjegati. Fil-Bank tesizti gerarkija ta' gradi li tiehu l-forma ta' piramida jigifieri aktar ma titla 'l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti. Is-sistema prezenti ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kenitx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir dejjem aktar trasparenti. Fil-fatt kien f'Marzu tal-1992 li ghall-

ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta' promozzjonijiet u mbaghad wara jsiru l-interviews.

Rigward il-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 & 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***'The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned.'***

Minn xi sitt snin qabel ma iddepona x-xhud, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta' Counselling Interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista' jitlob li jiltaqa' ma' ufficjal gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f'dak l-ezercizzju. Dawn il-Counselling Interviews intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista' jaghraf f'liema kriterju jew kriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex itejjeb il-performance tieghu u b'hekk itejjeb konsiderevolment ic-cansijiet tieghu ghal ezercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista' jaghmel il-benchmarking u jara kemm kien il-boghod milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

Zied jghid li hafna drabi kien ikun jifforma parti mill-bord tal-promotions. Kompla jghid li kien jifforma parti mill-bord fil-promozzjonijiet tal-1990. Kienu ltaqghu l-membri tal-bord, analizzaw il-files tal-individwi u mbaghad fl-ahhar hargu lista tan-nies li kienu ser jiehdu l-promozzjoni. Din il-lista ghaddewha lill-Executive Committee li accettaha in toto. Qal li l-kriterji li ntuzaw huma dawk il-hamsa mnizzlin fil-ftehim kollettiv. Qabel l-1992 l-promozzjonijiet kienu dejjem isiru b' dan il-mod u cioe` li l-bord jiltaqa' u janalizza l-files u jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet. Qal li l-bord ikun oggettiv kemm jista' jkun izda element ta' soggettivita` dejjem se jkun hemm. Ir-rikorrent ma kienx

wiehed minn numru zghir li rrakkomandaw ghall-promozzjoni.

Qal li l-marki li naghataw lir-rikorrent u lill-persuni l-ohra fil-promozzjonijiet tal-1990 ma jistghux jigu kontrollati. L-uniku dokument li jista' jkun hemm huwa l-lista tan-nies li nghataw il-promozzjoni ghax sa dak iz-zmien l-ezercizzju ma kienx ikun maghmul b' mod formali.

Qal li aktar ma l-vakanza tkun gholja fil-grad anqas jinghataw importanza l-kwalifiki u s-seniority u aktar tinghata importanza lill-mertu u kriterji ohra. Kull darba li jsir promotion exercise kien jikkaguna rewwixta minhabba li persuni li ma jkunux gew promossi kienu xorta jhossuhom li kellhom jinghataw promozzjoni u allura mbaghad kien gie deciz li mill-1992 'il quddiem l-ezercizzju jsir b' mod aktar formali u dokumentat bid-diversi marki li jinghataw lill-kandidati. Hass li b' dan il-mod ikun hemm aktar trasparenza u l-Management ikun jista' jipprova aktar l-oggettivita` tieghu.

Qabel li fil-promozzjonijiet tal-1990 u dawk kollha antecedenti kien hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' promotion exercise komparat ma' dak li jsir illum. Qal li fejn kien involut hu dejjem dehrlu li ma kienx hemm nuqqas ta' oggettivita`. Eskluda li kien iqis persuna ma' liema trade union ikun membru jew x' kien il-kulur politiku tieghu.

Ikkonferma li kien hemm perjodu ta' zmien li baqa' sejjer sal-1997 li fih l-Assistant Managers kien qed jigi phased out. Ikkonferma li r-rikorrent ma hax il-promozzjoni mal-ewwel lot izda mat-tieni wahda. Kompla jghid li mieghu fil-bord kien hemm Hubert Caruana, Rene Formosa u Frank Scerri De Caro. Qal li lil dawn il-persuni jafhom bhala persuni oggettivi fuq xogholhom u persuni onesti. Rigward il-fatt li jistax ikun hemm riperkussjonijiet fuq ir-rikorrent peress li ha l-promozzjoni fl-1992 flok fl-1990 qal li effetti jkun hemm ghax il-Bank jikkunsidra seniority in the grade pero` dawn mhumiex kbar. Qal li kieku r-rikorrent ha l-promozzjoni fl-1990, fl-1992 seta' jkun eligibbli ghall-grad li jmiss.

Giet tifforma parti mill-atti x-xhieda moghtija minn Rene Formosa fir-rikors numru 518/97 fl-ismijiet Paul Bartolo vs Bank of Valletta Limited fejn intqal li dwar it-trasferiment ta' Paul Bartolo mill-Mellieha ghal Haz-Zabbar hu ma kellux x'jaqsam u li dik kienet ordni li kienet harget mic-Chairman's office. Ftakar li fil-Bank kien hemm xi zmien meta Assistant Manager grade kien ser jigi phased out fuq perjodu ta' zmien permezz ta' promozzjonijiet. Dik id-decizjoni kienet ittiehdet fuq talba tal-Unions. Qal li fil-promotion exercises kienu jigu appuntati ghall-Manager I by ratio 6 minn Assistant Manager u 4 minn Supervisor II. Semma li l-kriterji li kienu juzaw kienu merit, aptitude, qualifications, experience u seniority. Kienu jaraw il-personal files u jassessjaw fir-rigward tad-diversi kriterji. Semma li mir-rizultat ta' l-1990 ghal Manager I, wiehed jista' jara mixture ta' persuni li ntaghzlu miz-zewg units, kemm mill-MUBE kif ukoll mill-GWU. Semma li dak iz-zmien hu kien il-General Manager Administration u l-kappa tal-Human Resources kienet taqa' tahtu izda dak ma jfissirx li hu kien responsabbli mid-decizjonijiet li kienu jsiru ghax dak iz-zmien id-decizjonijiet kienu johorgu mic-Chairman's office. Semma li ma kienx ikun hemm ilmenti min-naha ta' l-amministrazzjoni dwar kif kienu jsiru l-affarijiet.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi r-rikorrent fir-rikors ilmenta minn tliet afarijiet u cioe` li:
a) fl-1987 in segwitu tac-cirkolari 39/87 ma lahaqx Assistant Manager minn Supervisor II;
b) fl-1988 in segwitu tac-cirkolari 20/88 minn Assistant Manager ma lahaqx Manager;
c) fl-1990 in segwitu tac-cirkolari 24/90 ma lahaqx Manager I u Manager II.

Jirrizulta li r-rikorrent lahaq Manager I fl-1993.

***A] Fl-1987 in segwitu tac-cirkolari 39/87 ma lahaqx Assistant Manager minn Supervisor II.*** Illi kif jirrizulta mid-depozizzjoni tieghu a fol 10 tal-process fl-1987 ir-rikorrent gja kien Assistant Manager. Inoltre kif jirrizulta a fol 31 ir-rikorrent stess xehed li b' referenza ghall-

promozzjoni tal-1987 mhux qed jilmenta minnha ghax gja kien Assistant Manager. Ghalhekk ovvjament it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat dwar dan l-aspett tal-ilment.

***B] Fl-1988 in segwitu tac-cirkolari 20/88 minn Assistant Manager ma lahaqx Manager.*** Dwar ir-rikorrent kien hemm kliem ta' tifhir dwar il-kapacitajiet tieghu minn nies li kienu jahdmu mieghu jew superjuri tieghu. Ma rrizultawx complaints ta' klijenti.

Dwar promozzjonijiet it-Tribunal dejjem zamm il-principju li stqarr fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet "Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta" deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998. Hemm qal:
"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Issemma wkoll li l-General Workers' Union kienet ghamlet xi ilmenti lill-bank dwar il-promozzjonijiet u kienu saru anke xi azzjonijiet industrijali. Kien sar ftehim bejn il-Bank u l-Union fil-ftehim kollettiv ta' l-1988 fejn kien hemm imnizzel illi l-grad ta' Assistant Manager kien se jigi phased out u kienu se jinhatru ftit ftit permezz ta' sejhiet ghall-promozzjonijiet ghal Manager 1 b'persentagg minimu ta' 60% minn Assistant Manager u ta' 40% minn Supervisor 2. Irrizulta li kien hemm promotions board li jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezakuttiv tal-Bank li japprova skond order of merit ir-rakkomandazzjonijiet. Il-Promotions Board generalment ikun kompost minn ufficjali gholja tal-bank li jistghu jinkludu lic-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u Senior Managers. Il-Promotions

Board huwa marbut li jevalwa u jassessja l-kandidati eligibbli dejjem skond il-ftehim kollettiv u ghalhekk "the bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications, and seniority, not necessarily in that order." Il-bank sostna li l-weighting li jinghata ghal experience u merit ghal gradi gholjin bhal dawk ta' Senior Manager u aktar 'il fuq ikun aktar minn dak moghti ghall-qualifications. Il-kriterji tal-qualifications jinghata weighting aktar gholi fil-gradi ta' isfel e.g. Signatory B u Signatory A. Il-marki ghal merit, aptitude u experience johorgu mill-personal file specjalment bl-annual performance appraisals. Il-Bank mhux marbut li jaghmel interviews ghalkemm dan jista' jservi biex jghin lill-Promotions Board jasal ghall-evalwazzjoni tieghu.

Joseph Gatt li kien jokkupa l-kariga ta' General Manager (Strategy) fil-Bank intimat semma li ***"The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned."***

Jinghad li biex it-Tribunal jaghmel l-evalwazzjonijiet kollha necessarji ordna lill-bank intimat biex jipproduci dokumentazzjoni relattiva ghall-fatt jekk sarux interviews fil-promozzjonijiet tal-1988 u tal-1990 u jekk gewx allokati marki specifici ghall-criteria u x' marki gew allokati kull min ikkwalifika u biex il-bank jindika s-seniority tar-rikorrent u dawk li kkwalifikaw (preferibbilment b' indikazzjoni tas-seniority ghall-ahhar 15-il sena) u l-kwalifiki akkademici rispettivi ta' dawk li kkwalifikaw u tar-rikorrent. Sfortunatament il-bank ma kienx f' pozizzjoni li jirrispondi ghal dawn id-domandi kollha tat-Tribunal ghalkemm saret tfittxija fl-ufficcju u fl-arkivji. Gie esebit il-ftehim kollettiv dwar il-promozzjonijiet.

It-Tribunal ghamel analizi dettaljata tad-dokumenti kollha esebiti mill-Bank u filwaqt li jammira l-isforz mir-rapprezentanti tal-Bank li ssupplew dawn id-dokumenti xorta wahda jkollu josserva li ghandu hafna affarijiet u informazzjoni nieqsa. Infatti meta wiehed jikkompara d-dokumenti dwar informazzjoni moghtija dwar il-kandidati li tinsab a fol 127 sa 202 tal-process wiehed isib li hemm

diversi ismijiet nieqsa meta wiehed jezamina d-dokument relattiv ghall-promozzjonijiet li jinsab a fol 124 fejn fil-lista tal-persuni ta' Assistant Manager ghal Manager I "with effect from 1st May 1988" hemm zewg ismijiet li dwarhom ma nghatawx id-dettalji waqt li fuq l-istess pagna minn Supervisor II ghal Assistant Manager "with effect from 1st May 1988" hemm 12-il persuna li dwarhom ma nghatawx id-dettalji. Izda xorta wahda t-Tribunal sejjer jaghmel l-ahjar tieghu biex jaghmel evalwazzjoni mehtiega.

It-Tribunal ezamina l-kwalifiki rispettivi ta' dawk li lahqu Manager I minn Assistant Manager "with effect from 01/05/88" u kkomparahom ma' tar-rikorrent u sab li meta wiehed jewalva n-natura ta' xoghol li hemm in kwistjoni hemm 14-il persuna kwalifikata anqas waqt li 5 kwalifikati aktar. Hemm bhala seniority 13 li ghandhom seniority aktar mir-rikorrent u 5 daqs ir-rikorrent u wiehed anqas mir-rikorrent. Meta wiehed jikkunsidra z-zewg elementi flimkien hemm tlieta li ghandhom anqas kwalifiki u anqas seniority mir-rikorrent. Naturalment wiehed irid iqis l-elementi l-ohra msemmija fil-ftehim kollettiv. Sfortunatament il-Bank intimat ma pprezentax il-Personal Appraisal Reports ta' dawk is-snin dwar il-persuni involuti. Irrizulta li ma kien hemm xejn kontra r-rikorrent u infatti taht l-item disciplinary actions ma hemm xejn indikat. Kien hemm kliem ta' tifhir dwar ir-rikorrent. Meta wiehed jezamina dawk li minn Supervisor II lahqu Manager I (ghalkemm it-Tribunal certament hu konxju tal-ftehim li kien hemm bejn il-Bank u l-Union dwar il-process biex il-grad ta' Assistant Manager jigi phased out u ghalhekk kien hemm l-apporzjonament ta' 60% u 40%) it-Tribunal josserva li kien hemm 4 li kellhom kemm seniority kif ukoll anqas kwalifiki mir-rikorrent.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li certament ir-rikorrent kien haqqu jigi moghti l-kariga ta' Manager I b' effett mill-1 ta' Mejju 1988 u f'dan ir-rigward jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u jilqa' t-talba tar-rikorrent.

***C] Fl-1990 in segwitu tac-cirkolari 24/90 ma lahaqx Manager I u Manager II.*** Dwar ir-rikorrent kien hemm kliem ta' tifhir dwar il-kapacitajiet tieghu minn nies li kienu

jahdmu mieghu jew superjuri tieghu. Ma rrizultawx complaints ta' klijenti. Issemma li l-General Workers' Union kienet ghamlet xi ilmenti lill-bank dwar il-promozzjonijiet u kienu saru anke xi azzjonijiet industrijali. Irrizulta li fl-1990 l-bank adotta sistema ta' interviews u dan biex ikun hemm xi haga li wiehed jista' jkejjel fuqha.

Joseph Gatt li kien jokkupa l-kariga ta' General Manager (Strategy) semma li kien jifforma parti mill-Bord tal-Promozzjonijiet tal-1990 u li kienu analizzaw il-files tal-individwi u hargu lista ghall-promozzjonijiet li giet accettata in toto mill-Executive Committee. Kienu ntuzaw il-hames kriterji mnizzla fil-ftehim kollettiv. Semma li sa dak iz-zmien l-ezercizzju ta' promozzjonijiet ma kienx ikun maghmul b' mod formali.

Hawn ukoll it-Tribunal kien ordna lill-Bank jaghtih l-informazzjoni li giet imsemmija dwar il-promozzjonijiet tal-1988 izda l-bank ma kienx f' pozizzjonmi jaghti l-informazzjoni kollha rikjesta. Esebixxa kopja tal-ftehim kollettiv kif ukoll a fol 121 et lista tal-promozzjonijiet moghtija fid-diversi kategoriji.
Hawn ukoll it-Tribunal ghamel analizi dettaljata tad-dokumenti kollha esebiti mill-Bank u filwaqt li jammira l-isforz mir-rapprezentanti tal-Bank li ssupplew dawn id-dokumenti xorta wahda jkollu josserva li ghandu hafna affarijiet u informazzjoni nieqsa. Infatti meta wiehed jikkompara d-dokumenti dwar informazzjoni moghtija dwar il-kandidati li tinsab a fol 127 sa 202 tal-process wiehed isib li hemm diversi ismijiet nieqsa meta wiehed jezamina d-dokument relattiv ghall-promozzjonijiet li jinsab a fol 121 fejn fil-lista tal-persuni ta' Manager I ghal Manager II "with effect from 1st June 1990" hemm 11-il persuna li dwarhom ma nghatawx id-dettalji waqt li fuq pagna 122 minn Assistant Manager ghal Manager I "with effect from 1st April 1990" u "1st June 1990" hemm zewg persuni li dwarhom ma nghatawx id-dettalji. Izda xorta wahda t-Tribunal sejjer jaghmel l-ahjar tieghu biex jaghmel evalwazzjoni mehtiega.

It-Tribunal ezamina l-kwalifiki rispettivi ta' dawk li lahqu Manager II minn Manager I "with effect from 01/06/90" u

kkomparahom ma' tar-rikorrent u sab li meta wiehed jewalva n-natura ta' xoghol li hemm in kwistjoni hemm 4 li dahlu l-bank qabel ir-rikorrent, 4 li dahlu mieghu u wiehed biss warajh. It-Tribunal ezamina l-kwalifiki rispettivi izda f' dan il-kaz ma jhossx li ghandu provi sufficjenti biex jasal ghall-konkluzjoni li saret ingustizzja mar-rikorrent li hu ma nghatax il-kariga ta' Manager II. Sfortunatament ghar-rikorrent hu sofra mill-ingustizzja li saret mieghu precedentement fl-1988 u kawza taghha possibbilment ghalkemm mhux b' certezza hu bata minn dan l-aspett fil-promozzjonijiet tal-1990. Izda t-Tribunal ma jhossx li hemm provi sufficjenti quddiemu biex jasal ghall-konkluzjoni li hawn ukoll saret ingustizzja u ghalhekk f' dan ir-rigward jilqa' l-eccezzjonijiet tal-bank intimat.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent dwar dak li jirrigwarda l-aspett tal-hatra ta' Manager I b' effett mill-1 ta' Mejju 1988 filwaqt li jichad dik relattiva ghall-1987 u l-1990 u peress li jsib l-ilment gustifikat taht dan l-aspett jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Manager I b'effett mill-1 ta' Mejju, 1988 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------